MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2013

Numru. 1503/2007

**Il-Pulizija**
**Spettur Raymond Aquilina**

**vs**

**Victor Bartolo**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Victor Bartolo ta' 41 sena, iben il-mejjet Laurence u l-mejta Karmena xebba Aquilina, imwieled Zejtun fil-05 ta' Settembru 1966 u residenti Blokk 3 Flat 3 Triq il-Gebel, Birzebbuga u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 380366M gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

F’dawn il-Gzejjer, nhar it-03 ta’ Dicembru 2007, u fil-granet ta’ qabel din id-data, gewwa Blokk 3 Flat 3 Triq tal-Gebel, Birzebbuga, b’diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda :

(a) b’eghmil zieni, ikkorrompa lil KB, JS u lil DL meta kellhom anqas minn tnax-il sena u b’qerq;

(b) Bla ordni skond il-Ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil istess minuri, kontra l-volonta’ taghhom u dan bhala mezz biex jigu mgieghla jaghmlu xi haga, jew joqoghdu ghal xi haga li toffendi il-misthija tas-sess taghhom;

(c) Eccita, ghin jew iffacilita l-korruzzjoni ta’ l-istess imsemmija minuri ta’ taht l-eta;

Il-Qorti kienet mitluba li tohrog ordni ta’ protezzjoni ai termini ta’ l-Artikolu 412(C) fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lill-persuna u r-residenza taghha kif ukoll il-post li tali persuna tiffrekwenta.

F’kaz ta’ htija l-Qorti kienet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta’ tal-persuna involuta u l-familja taghha ai termini ta’ l-artikolu 382A et sequitur, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tal-10 ta’ Settembru 2008 (inserita a fol. 296 tal-atti processwali) fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fis-segwenti Artikoli tal-ligi :-

(a) fl-artikoli 18, 203, 204, 86, 87, 533 tal-Kodici Kriminali.

Rat li l-imputat waqt l-udjenza tal-15 ta’ Settembru 2008 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Rat in-Noti ta’ Sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta’ dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Wara rapport li sar gewwa l-Ghassa tal-Pulizija gewwa Birzebbuga fuq allegazzjoni ta’ abbuzi sesswali u wiri ta’ films pornografici, il-Pulizija bdiet l-investigazzjoni u arrestat lill-imputat Victor Bartolo. L-ispettur Raymond Aquilina u l-ispettur Louise Calleja kellmu lill-allegati vittmi u cioe’ lil KB, DL u JS gewwa d-Depot tal-Pulizija fil-prezenza tal-genituri taghhom li min-naha taghhom iffirmaw kwerela li giet esebita fil-mori ta’ din il-kawza sabiex jittiehdu proceduri kontra l-imputat. Omm il-minuri KB u cioe’ AG (a fol 23) xehdet f’dawn il-proceduri u kkonfermat li riedet tkompli ghaddejja b’dawn il-proceduri fil-konfront tal-imputat.

L-ewwel ma xehed kien KB (a fol 30) li kien ghadu kemm ghalaq it-tnax-il sena. Huwa qal li kien ma tfal ohra u cioe’ D u J gewwa r-residenza tal-imputat VB. Dan VB joqghod fl-istess blokka tal-flats taghhom u huwa kien imur ghandu ta’ spiss. F’okkazzjoni minnhom waqt li kien qieghed ghandu, dan VB beda’ jurih blue films fejn qal li ra mara u ragel bla hwejjeg (a fol 32) u li kienu qieghdin jaghmlu atti sesswali. Din kienet l-unika darba li ra dan il-blue film ghand V meta kien ghandu fis-sajf ghax jiftakar li kien qabel ma’ tela l-ewwel sena tal-iskola sekondarja. Huwa kompla jghid li darba kien qieghed ghand l-imputat jara t-television u Victor Bartolo gie fuqu waqt li kien hemm DL wkoll fejn qallu biex jinza l-hwejjeg u jitla’ fuq ir-rota gharwien. Huwa ma ridtx jaghmel hekk u l-imputat, Victor Bartolo u mal-hajt u fil-fatt neza’ u tela fuq rota tat-training gharwien. Huwa kompla jghid li l-imputat baqa’ bil-hwejjeg u qaghad ihares lejh filwaqt li D beda’ jidhaq u fil-fatt kien hu li qallu biex jitilqu ’l barra minn hemm (a fol 35). Dan ix-xhud kompla qal li f’gurnata ohra qabel dan l-incident kien fis-salott tal-flat tal-imputat flimkien ma’ D, fejn l-imputat qallhom biex imorru jisirqu s-sigaretti u stereo izda huma

m'ghamlux dak li ried hu. Huwa kompla (a fol 37) jghid li waqt li kien qieghed fit-toilet tar-residenza tal-imputat dan dahal fuqu u staqsih jekk hux qieghed ihoss l-ewwel tgharixa u l-imputat hareg 'il barra. Jiftakar ukoll li f'din l-okkazjoni ta' meta kien it-toilet l-imputat prova jmisslu l-parti privata tieghu pero' huwa ma halliehx imissha. K jghid li wara hareg mit-toilet u mar lura ghand ommu. Huwa kompla jghid li f'okkazzjoni ohra kien flimkien ma' tfal ohra u cioe J u D, fejn marru ghand l-imputat biex jisselfu video tal-football pero' baqghu hemm. F'hin minnhom gie l-imputat u qalilhom sabiex johorgu l-parti privata taghhom u jinzghu gharwenin halli jhossu l-ewwel tgharixa. Huma m'ghamlux dak li qallhom l-imputat. Huwa kompla jghid (a fol 38) li dan Victor Bartolo kien qalilhom li kellu l-hakk fil-parti privata tieghu u qal lil D biex joqghod ihokkielu. F'mument minnhom dan Victor dar fuq ix-xhud li qallu biex jigi hu ghax D kien ghejja. Fil-fatt kien misslu l-parti privata u ghamel kif kien qallu Victor. Huwa zied jghid li meta bdew ihokkulu l-parti genitali tieghu, dan Victor Bartolo baqa' bil-boxer shorts u ma harigx il-parti genitali tieghu (a fol 39). Meta kienu qeghdin isiru dawn l-affarijiet ma setghax johrog minn hemm ghaliex l-imputat kien jaqfel bic-cavetta. L-imputat (a fol 40) kien isakkar il-bieb waqt li kienu jaraw il-blue film sabiex ma tidholx it-tifla tieghu u tarahom. Gieli kien isakkar il-bieb ta' barra u anki gieli l-bieb tal-kamra fejn kienu jkunu qeghdin jaraw il-films. Huwa zied jghid li qabel mal-imputat kien urieh il-blue film huwa qatt ma kien ra bhalhom qabel. B qal li meta kien ra dan il-film huwa kien iddejjaq u ghadu kultant jorqod hdejn ommu ghax ikun qieghed jibza'. Huwa ta d-deskrizzjoni tal-flat tal-imputat (a fol 42) fejn fl-istess flat jghixu wkoll it-tfal ta' Victor Bartolo flimkien ma' tarbija ta' wahda minnhom (a fol 43). B spjega li ghall-ewwel haseb li l-imputat kien ragel sewwa u kien qisu wara xahar li dan beda' jurih dawn il-blue films. Huwa kien jurih dawn il-blue films kwazi kuljum f'gimgha wahda. Ix-xhud qal li kien tkellem mas-social worker tieghu kif ukoll ma' certu G li toqghod fi flat iehor vicin fejn joqghod huwa (a fol 45). Meta tkellem l-ewwel darba fuq li gralu kien ma' G ghax kienet baghtet ghalihom biex jghidu x'gara ezatt fir-residenza ta' Victor Bartolo. Huwa zied jghid li din G qatt ma qaltlu x'ghandu jghid pero' kienet semmietlu jekk kienx

fil-fatt Victor li qallu biex jirkeb ir-rota. Huwa qal li fil-fatt it-tifel ta' G kien johrog ma' wahda mit-tfal tal-imputat. Huwa kkonferma li fil-fatt dawn l-affarijiet li graw fuqu kienu l-verita u mhux G kienet li qaltlu biex jghid dawn l-affarijiet (a fol 46). Huwa indika lill-imputat bhala Victor Bartolo li ghamel referenza ghalih fix-xhieda tieghu (a fol 48).

DL xehed (a fol 57) li kellu ghaxar snin u qal li waqt li kien flimkien mal-habib tieghu KB, rahom fil-flat certu Z li huwa gharaf bhala l-imputat Victor Bartolo. Dan qalilhom biex jitilghu ghandu fil-flat ghax kien joqghod fl-istess blokka tal-flats taghhom. Huwa qal li meta kien ghand Victor Bartolo dan misslu l-parti privata tieghu u tefghu fl-art. Wara dan li gralu mar ikellem lil huh S. S mar sab lil wahda li toqghod fil-flats taghhom u cioe lil G (a fol 59) u qallha minn x'hiex kien ghadda huh.  Huwa zied jghid li qabel dan l-incident li nqala' ma' Victor Bartolo waqt li kien mal-habib tieghu KB ghand Victor Bartolo, l-imputat kien qal lil K biex jinza' l-hwejjeg u dan ma ridtx u l-imputat qabad jaghtih u K neza' l-hwejjeg u tela fuq speci ta' magna tat-training (a fol 60). L-imputat kien qal lil K sabiex joqghod jimmasturbah u huwa ma ridx kif lanqas dan ix-xhud ma ridtx jaghmel. L-imputat wara qallhom biex ipejjpu u lanqas hekk ma riedu tant li wara qallhom li jekk mhux sejrin jaghmlu hekk allura kellhom imorru ghand H tal-hanut biex jisirqu grossa sigaretti u stereo izda huma xorta wahda ma ghamlu xejn minn dak li qalilhom. Dan ix-xhud zied jghid li dawn kienu l-unika zewgt incidenti li kien hemm (a fol 61) mal-imputat. Huwa kompla jghid li f'din l-okkazzjoni l-imputat beda' jurihom films hziena u cioe blue films fejn huwa ddeskriva li kien hemm kulhadd gharwien. Huwa qal li qatt ma kien ra films bhal dawn qabel dan l-incident.  Dan ix-xhud spjega li meta l-imputat ried imisslu l-parti genitali tieghu huwa ma riedx tant li l-imputat sabtu mal-hajt biex ikun jista jaqbadlu l-parti genitali tieghu (a fol 64). Wara dan l-incident kien mar m'ommu ghand il-Pulizija biex jghid x'garalu u anki ghamel tpingija tal-post (dok RA1) u ddeskriva dak kollu li kien pinga. Huwa zied jghid li huma ma setghux johorgu mill-flat ghax il-bieb kien ikun imsakkar (a fol 66) bic-cavetta izda l-imputat kien ihalli c-cavetta fil-lock. Meta l-imputat qal lil K biex jinza' dan ma riedx jaghmel hekk u l-imputat beda' jsawtu u

nezzghu (a fol 67). Ix-xhud ikkonferma li kien tkellem ma' certu G pero hija qatt ma qaltlu x'ghandu jghid (a fol 68). Huwa qal ukoll li qatt qabel ma' kien hemm xi hadd li prova jaqbadlu l-parti privata tieghu.

F'dawn il-proceduri xehed ukoll JS (a fol 80) li qal li kellu disa' snin u spjega li kienu marru joqghodu gewwa Birzebbugia fis-sajf fejn kien ghamel hbieb ma tfal ohra li kienu joqghodu fl-istess blokk ta' flats. Huwa jghid lli sar jaf lill-imputat Victor Bartolo ghaliex kien habib mieghu u kien imur ghandu u joqghodu jilghabu bil-board games flimkien ma' KB. Ix-xhud jghid li Victor Bartolo sar ragel hazin (a fol 82) fejn kien jghidlu biex joqghod jimmasturbah u anki joqghod jaqbadlu l-'private body' u joqghod jaghfaslu l-koxxa. JS qal li It-tbaghbis fuq il-'private body' kien isir minn fuq il-hwejjeg u kkonferma wkoll li l-imputat kien qallu sabiex jimmasturbah waqt li kien ikun bil-qieghda hdejh fejn anki kien joffrilhu sigarett pero' l-imputat qatt ma kien jaghmel xi haga bil-'private body' tieghu (a fol 84). Ix-xhud qal li fil-fatt l-imputat kien talbu darbtejn sabiex jimmasturbah. Huwa qal li meta kien ikun qieghed jara l-film tal-vampires kien ikun hemm K u Victor kien joqghod fin-nofs u kien qabadlu l-'private body' tieghu dak il-hin (a fol 86). Huwa ra films ohra meta kien ghand l-imputat bhal 'Taxi' fejn kien hemm xeni ta nies li joqghodu jaqbdu l-'private parts' ta' xulxin (a fol 87). JS qal li huwa qatt ma ra films ohra ghand l-imputat. Huwa jiftakar li kienet giet omm K u staqsiethu fuq dawn l-affarijiet u wara marret titkellem m'ommu u qaltilha x'gara. Huwa zied jghid li l-bieb ghand l-imputat kien ikun maghluq izda kien jista' jinfetah minn gewwa (a fol 89) pero' ma jiftakarx jekk kienx ikun hemm cavetta mal-bieb. Huwa ma jiftakarx li qabel qatt grawlu affarijiet simili bhal dawk li graw mal-imputat. JS jiftakar li kien mar m'ommu ghand wahda G u tkellem maghha izda din qatt ma qaltlu x'ghandu jghid il-Qorti. Huwa qal li meta l-imputat kien talbu sabiex jimmasturbah ma kienx jaf xi tfisser din il-kelma u fil-fatt kien Victor li spjegalu ezatt xi tfisser u xi trid taghmel (a fol 91).

F'dawn il-proceduri xehdet ukoll MGF (a fol 133) fejn din qalet li kien hemm okkazzjoni fejn waqt li kienet il-Belt gie

jkellimha certu SL li qalilha li xtaq ikellimha fuq huh D. Din kompliet tghid li dan sostna li persuna maghrufa bhala z-Z kien qal lil huh sabiex jimmasturbah. Hija qalet li bdiet tibza jekk ghandhiex tghid xi haga lil omm dan it-tifel fuq dak li kien inqala' izda mbaghad iddecidiet li tkellimha sabiex tara jekk fil-fatt din kienitx taf xi haga fuq dak li kien qallha S. Hija qalet li ma kienet taf b'xejn li nqala' izda ommu marret tkellem lil D imma dan beda jibza jitkellem. Din ix-xhud kompliet tghid li D kien qalilha xi affarijiet ohra li graw fuq tfal ohrajn. Hija marret tkellem ukoll lill-omm KB sabiex tghidilha x'taf. Hija spjegat li dahlet lit-tfal f'kamra halli tkellimhom fejn ziedet tghidilhom li kellha video biex tbezza lit-tfal halli jghidu l-verita'. Hija qalet li t-tfal qalulha li kienu joqghodu ipejpu s-sigaretti li kien jaghtihom VB u kienu anki jaraw il-blue films izda ma qalulha xejn aktar (a fol 136). Hija marret l-ghassa maghhom biex jirrapurtaw dan il-kaz flimkien mal-ommijiet. Hija ziedet tghid li fil-fatt hi qatt ma rat xejn hazin min-naha tal-imputat.

F'dawn il-proceduri xehdu wkoll PS 266 Stefan Decelis (a fol 141) rigward id-DVD's li gew elevati mir-residenza tal-imputat u Cecilia Xuereb (a fol 283) bhala esperta nominata mill-Qorti li ezaminat il-kontenut tad-DVD's u ikkonkludiet li huma kollha pornografici (relazzjoni inserita a a fol 285).

F'dawn il-proceduri xehdet ukoll MB (a fol 177) li tigi t-tifla tal-imputat fejn din qalet li kienet tghix ma' missierha fiz-zmien li saru l-allegazzjonijiet li jiffurmaw il-mertu tal-kawza. Hija qalet li dan kollu nqala minhabba wahda mix-xhieda u cioe G minhabba li din tal-ahhar wahhlet fihom meta giet investigata mill-Labour Office. Hija kompliet tghid li t-tfal kienu jigu gewwa d-dar taghhom fejn kienu joqghodu jilaghbu u jidhku. Hija kompliet tghid li dan kollu gara wara li hija waqfet milli tkompli tohrog mat-tifel ta' G u ziedet li K, J u D kienu jigu ghandhom b'mod regolari. Hija ziedet tghid li meta t-tfal kienu jkunu qieghdin ghandhom kienu jaraw xi DVD's maghha u dawn dejjem kienu addattati ghat-tfal. Hija qalet li qatt ma rat xejn hazin meta kienu jkunu ma' missierha ghaliex huma kienu jkunu qeghdin jilaghbu. Hija kompliet tghid li G kienet tghidilha li lilha ser iggibha tittallab u minn dakinnhar beda' dan il-

kaz. Din ix-xhud sostniet li ma tantx kienet tohrog mid-dar. Hija qalet li ghalkemm il-Pulizija sabu d-DVD's li jinsabu esebiti in atti hija qatt ma rathom ghaliex qatt ma' kienet tidhol gewwa l-kamra ta' missierha. Hija kompliet tghid li kien hemm mumenti fejn kienet tidhol id-dar u kienet issib lil dawn it-tfal fil-kcina u missierha kien ikun qieghed isajjar xi haga. MB qalet li huha z-zghir jghix ghand iz-zija taghha gewwa z-Zejtun u mhux ma' missieru ghaliex hemm trabba u kompliet tghid li din l-istorja tat-tfal ma temminiex ghaliex hija marret tkellem lill-genituri taghhom. Hija ziedet tghid li qatt ma rat xejn hazin fihom dawn it-tfal u kompliet li ma tafx kif waslet s'hawn din l-istorja ghaliex qatt ma rat xejn hazin (a fol 186) u qatt ma nnutat li t-tfal kienu jigdbu.

Ikkunsidrat

Illi huwa principju baziku fi procediment kriminali, li sabiex l-imputat jigi dikjarat hati, l-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu ghandhom jigu pruvati oltre kull dubbju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubbju dettat mir-raguni. F'dan ir-rigward issir referenza ghal sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**, fejn dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the*

*case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Ottubru, 1998*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Gauci et,** gie ritenut li:

*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker (*Qorti tal- Appell Kriminali-deciza fid-19 ta' Mejju, 1997)*** gie ritenut illi:

*"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jirritjeni il-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890***:-

*"il cosi' detto onero della prova, cioe' il carico di fornire,spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit".*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn gie spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti. Jista jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk dan ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux

l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provediment iehor. Issa jekk il-Qorti thoss li hemm xhieda aktar kredibbli minn ohra, tkun effettivament qed ssib htija '*on a balance of probabilities'* u mhux ghaliex ikun hemm prova u ma jkollha ebda dubbju dettat mir-raguni dwar il-htija tieghu.

Ghalhekk din il-Qorti trid tifli minn dak li qalu l-vittmi u cioe' KB, DL u JS fix-xhieda taghhom sabiex tasal ghal sejbien ta' htija jew le tal-imputat. L-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri izda huwa kien irrilaxxja stqarrija lil Pulizija. Il-kwistjoni tal-ammisibilita' o meno tal-istqarrija tal-imputat giet sollevata fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni. Din il-Qorti taghmel referenza ghal diversi sentenzi li nghataw rigward id-dritt tal-imputat li jkun assistit minn Avukat waqt l-investigazzjoni u tehid tal-istqarrija mill-Pulizija. Fiż-żmien tar-rilaxx tal-istqarrija in kwistjoni l-liġi tagħna ma kinitx tipprovdi li l-interrogat seta' jikkonsulta ma avukat qabel ma jiġi interrogat u meta jkun ser jirrilaxxja stqarrija. Minħabba dan kollu l-imputat jista' jkollu ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu, kif sanċiti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikoli 6(3)(ċ) u 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Kif ġie nnutat mill-**Qorti Kostituzzjonali** fil-kawża fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Alvin Privitera** deċiża fil-**11 ta' April 2011**. Is-Sub-artikolu (1) tal-imsemmi Artikolu 39 jipprovdi li – *"Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi."* Is-Sub-artikolu (1) tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jipprovdi – *"Fid-deċiżjonijiet tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi".* Is-Sub-artikolu (3)(ċ) tal-istess artikolu 6 tal-Kap. 319 jipprovdi li kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-dritt *"li jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk".*

L-ebda wieħed mill-artikoli ċitati ma jistipula speċifikament li persuna li tkun qed tiġi investigata mill-Pulizija in konnessjoni ma' xi allegat reat għandha d-dritt li tkun assistita, waqt l-istess investigazzjonijiet u meta tkun ser tirrilaxxja stqarrija, mill-konsulent legali ta' fiduċja tagħha jew li jkun ġie assenjat lilha skond il-liġi. Ġie diversi drabi ritenut mill-Qorti Europea li dak li hu stipulat fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni hu applikabbli għal dak l-istadju li jippreċedi proċeduri kriminali quddiem il-qrati kompetenti kontra min ikun qed jiġi investigat u interrogat mill-Pulizija. Għalhekk il-provedimenti in kwistjoni huma wkoll applikabbli fil-fażi tal-investigazzjonijiet u tal-interrogazzjoni tal-investigat. Kwindi l-interrogat għandu d-dritt li jiddefendi ruħu bl-istess mod kif jista' jiddefendi ruħu fil-kors ta' proċeduri kriminali li jkunu ttieħdu kontra tiegħu. B'mod partikolari huwa għandu d-dritt li jkun assistit minn avukat qabel ma jibda jiġi interrogat mill-Pulizija. Dan issa hu prinċipju ben assodat li joħroġ minn diversi sentenzi tal-Qorti Europea (vide **Imbrioscia vs Svizzera** tal-**24 ta' Novembru 1993** u **Panovits vs Cyprus** tal-**11 ta' Diċembru 2008**), kif ukoll minn diversi sentenzi recenti tal-qrati tagħna. Fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Alvin Privitera l-Qorti Kostituzzjonali (11 ta' April 2011)** ġie ritenut li *"meta diġa jkun hemm raġunijiet biżżejjed li fuqhom il-Qorti tkun tista' ssib li hemm leżjoni, il-Qorti m'għandhiex toqgħod tistenna' sakemm jintemm il-każ jew li jiġi attwalment miksur id-dritt pretiż biex tiddeċiedi jekk hemmx leżjoni jew le. Jista' jagħti l-każ li jkun tard wisq. Fil-fehma ta' din il-Qorti n-nuqqas ta' assistenza ta' avukat fl-istadju ta' investigazzjoni hu wieħed minn dawn iċ-ċirkostanzi li jistgħu jippreġudikaw id-dritt ta' persuna akkużata irrimedjabilment".*

Illi jrid jinghad ukoll li fil-Kawza Kostituzzjonali fl-ismijiet **Charles Steven Muscat v. Avukat Ġenerali tat-8 ta' Ottubru, 2012** (Appell Civili Numru. 75/2010/1) il-Qorti Kostituzzjonali qalet fost affarijiet ohra li:

*"F'dan il-kuntest huwa relevanti dak li qalet il-Qorti Ewropeja fil-każ ta' Paskal v. l-Ukrajna[1]: "the level of the applicant's expertise cannot be discounted in assessing whether his consent to participate in the particular questioning was well-informed"[2]."*

Ikkunsidrat

Illi kif jidher mill-fedina penali tal-imputat, qabel dan il-kaz huwa kien akkuzat b'reat wiehed meta tressaq il-Qorti fl-1998. Illi ghalhekk, ma jistax jinghad li huwa wiehed li ghandu esperenzja kif tithaddem il-gustizzja kriminali u l-process li jaghti bidu ghall-investigazzjonijiet bhal kaz fl-ismijiet **Charles Steven Muscat v. Avukat Generali**. Ghalhekk in linea ma dak deciz fil-kaz Pulizija vs Alvin Privitera din il-Qorti mhux ser tikkunsidra dak li intqal mill-imputat fl-istqarrija minnu rilaxxjata bhala prova f'dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat:

Illi wara li ezaminat bir-reqqa kollha dovuta ix-xhieda moghtija mit-tlett minorenni nvoluti f'dan il-kaz u wara li rat il-komportament taghhom fil-video recordings relattivi din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju dwar il-kredibilita' tal-istess xhieda u li dak li qalu dwar dak li sehh fl-inkontri li kellhom mal-imputat jirrifletti dak li effettivament gara. Fin-Nota ta' Rinviju tieghu tat-12 t'Awwissu 2008 (inserita a fol. 296 tal-atti processwali) l-Avukat Generali deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fis-segwenti Artikoli tal-ligi u cioe' fl-Artikoli 18, 203, 204, 86, 87 u 533 tal-Kodici Kriminali. Dwar ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni kontemplat fl-Artikolu 203 tal-Kodici Kriminali li bih jinsab akkuzat l-imputat permezz tal-ewwel imputazzjoni din il-Qorti tixtieq l-ewwel u qabel kollox taghmel referenza ghal dak li qalet il-**Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) f'sentenza tat-8 ta' Jannar 1996 fil-kawza fl-ismijiet 'Pulizija vs Thomas Wiffen**'

[1] Q.E.D.B. 15 ta' Settembru 2011, rikors 24652/04.
[2] Para. 78.

fejn dwar l-element materjali ta’ dan ir-reat il-Qorti qalet is-segwenti:-

*‘For the completed offence, and apart from the formal element of the offence, there must be the lewd act (“atto di libidine”) and the actual defilement. The lewd act may be committed either on the person or in the presence of the minor. All acts which either of their very nature or of the circumstances in which they are performed are directed to the indulgence of the sexual apetite either of the agent or of the victim and are capable of arousing the sexual interest of the victim, are lewd acts for the purposes of the offence in question. Francesco Carfora, writing in the Digesto Italiano in connection with Section 335 of the Zanardelli Code (which provision, as far as the elements of the offence are concerned, was identical to our Section 203) has this to say as regards the notion of “lewd acts:*

*“Atti di libidine). debbono ritenersi tutti quei contatti e quelle manovre, che possono eccitare i sensi, anche se non giungono allo sfogo complete della libidine). Senza poi entrare nelle varie questioni sorte nella pratica e nella giurisprudenza circa alla valutazione di singoli atti per vedere se debbasi o no attribuir loro il carattere di atti di libidine, specie in ordine al bacio, del quale lungamente si occupa il Carrara, noi rileveremo come norma generale che gli atti, a cui si riferisce la legge, debbono essere materiali e di una certa entita’ e tali da aver rapporto prossimo e diretto colle funzioni sessuali” (Vol. VIII, parte 3, p.967).*

*And on the question of the repetition of the same acts, the said writer has this to say:*

*“Si e’ fatta poi questione se gli atti di libidine, per riternersi idonei, dovessero essere ripetuti; ma se, in alcuni casi, quando si tratta di atti per se’ stessi di poca entita’, la reiterazione puo’ conferir loro quella efficacia corrutrice, che, isolamente, non avrebbero, non per questo essa puo’ considerarsi come condizione di incriminabilita’ del fatto, quando si tratti di atti, i quail, anche compiuti una sola*

*volta, hanno in se evidente l'efficacia corrutrice, e questo appunto ha ritenuto la giurisprudenza cosi' sotto l'impero del codice abrogato come sotto quello del codice vigente" (op. cit. , p.968).*

*As was stated more recently by the Court of Cassation in its judgement of the 14 February, 1961:*

*"Per costituire atti di libidine, l'atto deve essere tale da procurare una sensazione erotica anche solo eccitando appetiti sessuali" (quoted in Manzini, V, Trattato di Diritto Penale Taliano, Nuvolone, P. and Pisapia, G.D. ed., UTET (1984), Vol. VII, para. 2550, p. 359, n.5).*

*Lewd acts are therefore all those acts "diretti ad eccitare la propia concupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le cirostanze in cui si cerca di provocarli, ovvero diretti a sodisfare siffatta concupiscenza" (Manzini, V., op. cit., p. 359). The duration of these acts is immaterial for the notion of a lewd act. There is no doubt in the mind of this Court that the touching of the breasts or of the private parts of a young girl -- in the case under examination appellant's daughter was not yet twelve years old when the first acts were performed -- with the intention either of gratifying one's libidinous tendencies or of arousing the sexual interest of the said girl, are lewd acts."*

Dwar ir-rekwizit tal-korruzzjoni per se l-istess Qorti tal-Appell fl-imsemmija sentenza qalet hekk:-

*"As to the requirement of actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known scientific instrument, but is something which has to be assessed by the prudent judge -- the lay judge in the case of a trial by jury, the professional magistrate or judge in all other cases -- taking into account all the circumstances of the case including in particular the age of the victim and the nature of the act or acts. Appellant, in his application, states that in order that one can speak of actual defilement "at least the curiosity or the interest of the minor should have been aroused", so that "if the minor*

*is already strong-willed enough and rejects even the least advance by the offender" then, always according to appellant, there is no actual defilement. Now, whereas the minor's reaction is a fact to be taken into account, it is not the sole criterion, nor indeed the most important criterion, of whether or not there has been actual defilement. The defilement may be actual but its effects delayed. As Sir Anthony Mamo points out in his Notes on Criminal Law:*

*"For the subsistence of the crime it is not necessary that the defilement shall be immediate. The very young age of the person with whom the lewd acts have been committed does not rule out the crime, if the remembrance of such acts is calculated to cause the defilement. Indeed, according to our law, if the victim is under twelve years of age, that is a reason for aggravating the crime" (p. 226).*

*And Francesco Carfora observes:*

*"_.non bisogna intendere la corruzione fisica nel senso ristretto di manifestazione di corruzione morale mediante atti volontari esteriori compiuti dallo stesso minorenne, ma nel senso di contaminazione fisica anche mediante i soli atti dell'agente, inquantoche' agli effetti dell'art. 335 si ha la figura delittuosa della corruzione di minorenne quando questo abbia solo subito sulla propria persona atti contrari al pudore capaci di corrompere, anche se da parte sua non abbia corrisposto con altri atti, che costituiscono prova di un'effettiva corruzione, perche', come gia' abbiamo altrove notato, il legislatore intende a colpire I germi della corruzione gittati dagli atti delittuosi compiuti dall'agente, non in quanto sieno immediatamente sviluppati, ma in quanto possono in un tempo qualunque svilupparsi, e questo ritenne anche la patria giurisprudenza" (op. cit., p.966).*

*In other words if the acts in question are lewd acts in the sense above defined, that is are apt to bring about a lesion of the moral integrity of the passive subject in respect of sexual matters, then, in the absence of any indication that the said passive subject has not been affected by those acts -- for example, because he or she*

*was, to some degree, already depraved -- whoever has to judge the facts may reasonable conclude that there was actual or effective defilement."*

Wara li saret din l-esposizzjoni legali dwar ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni kontemplat fl-Artikolu 203 tal-Kodici Kriminali l-Qorti jidrilha li fil-kaz odjern jirrizultaw l-estremi kollha ta' dan ir-reat. Illi mix-xhieda mghotija mit-tfal deher bic-car li f'okkazzjonijiet differenti l-imputat miss il-parti privata ta' dawn it-tfal. Deher ukoll li l-imputat qallhom biex ihokkulu l-parti privata tieghu u meta wiehed minn dawn it-tfal ghejja ghajjat lill-iehor sabiex ikompli minfloku. Hija ferm importanti wkoll ix-xhieda li ta' JS fejn qal li meta kienu qieghdin jaraw film bil-qieghda l-imputat misslu l-parti privata tieghu u din grat aktar minn darba. Huwa relevanti wkoll li fix-xhieda li ta KB dan qal li gie imgieghel jinza' gharwien u jitla' fuq training machine sabiex l-imputat joqghod ihares lejh. Illi mix-xhieda li tat it-tifla tal-imputat MB, jidher bic-car li hemm animosita lejn ix-xhud GF minhabba li t-tfal kienu tkellmu maghha fuq dak li gralhom. Din fil-fatt sostniet li dak li gara kien li din G kienet qed tissuspetta li l-imputat jew bintu rrapurtawaha lil tal-Labour Office u li hija ghalhekk harget din l-istorja bhala forma ta' tpattija. Il-Qorti izda setghat tinnota li ghalkemm it-tlett minuri lkoll ikkonfermaw li kienu tkellmu ma MGF dwar dak li kien gara mal-imputat huma lkoll sostnew li f'ebda hin din G (MGF) ma qaltilhom x'ghandhom jghidu lil Pulizija jew meta jixhdu l-Qorti. Il-Qorti wara li rat ukoll ix-xhieda tas-social worker Stephanie Vella kif ukoll dik tal-Psikologu Dr. Martin Micallef liema xhieda ezaminaw lil KB fejn dawn ikkonfermaw li l-minuri kien qalilhom l-istess affarijiet li qal meta xehed il-Qorti, kompliet tikkonferma li l-minuri kien qed jghid il-verita'. Ghandu jinghad ukoll li Dr. Martin Micallef ippuntwalizza li l-agir tat-tifel tant inbidel li ghalkemm kien jafu bhala estrovert meta kelmu nduna li dan kien inghalaq fih innifsu tant li sabha difficli sabiex jesprimi ruhu dwar dak li ghadda minnu u qallu li hass hafna vojt. Hija wkoll relvanti ferm li t-tfal semmew li l-imputat kien jurihom films pornografici u fil-fatt dawn it-tip ta films instabu fir-residenza tal-imputat meta saret tfitxija mill-Pulizija izda bint l-imputat sostniet li hija qatt ma rat

dawn it-tip ta’ films fir-residenza taghhom. Fil-fehma tal-Qorti s-sejba tal-films fir-residenza tal-imputat tkompli tikkorrobora l-verzjoni moghtija mit-tlett itfal. Il-Qorti setghat tirrileva inoltre li dak li qalu t-tfal regghu irripetewh f’aktar minn okkazzjoni wahda lil diversi nies u bl-istess konsistenza. Din il-Qorti ghalhekk jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova sal-grad ta’ lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat effettivament ikkommetta r-reat ta’ korruzzjoni ta’ minorenni kontemplat fl-Artikolu 203 tal-Kodici Kriminali.

Din il-Qorti trid issa tara jekk jezistux ic-cirkostanzi aggravanti fil-kaz ta’ korruzzjoni fuq dawn il-minuri kontemplati fl-Artikolu 203(1)(a)(b)(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. L-Artikolu 203(1)(a) jitkellem fuq jekk dan id-delitt isir bi hsara ta’ persuna li ma ghalqitx l-eta’ ta’ tnax il-sena, inkella bi vjolenza. Mix-xhieda mghotija minn dawn il-minuri u mid-dokument esebiti fl-atti processwali u cioe’ c-certifikati tat-twelid tat-tfal koncernati, jidher b’mod car li fil-mument li graw dawn l-abbuzi huma kienu taht l-eta ta’ tnax-il sena. Illi ghalhekk m’hemmx dubbju li jezistu l-estremi tac-cirkostanzi aggravanti ndikati fl-Artikolu 203(1)(a).

Illi c-cirkostanza aggravanti l-ohra hija dik taht l-artikolu 203(1)(b) liema delitt ikun sar b’theddid jew b’qerq. Ghandu jinghad biex ikun hemm qerq li jpoggi lil dak il-minuri f’sitwazzjoni li joqghod ghall-atti di libidine irid ikun hemm dawk is-sitwazzjonijiet li wiehed ghandu jaghmel haga u jispicca ssir xi haga fuqu. Illi mill-provi mressqa deher bic-car li l-imputat kien qal lil tnejn mill-minuri sabiex jhokkulu l-parti genitali tieghu. Din il-manuvra minn naha tal-imputat kienet intiza sabiex it-tfal joqoghdu imissulu l-parti genitali bi skuza li ghandu l-hakk. F’din is-sitwazzjoni l-Qorti tqies li l-imputat abbuza minn nuqqas ta’ maturita’ tal-istess minuri ghall-iskopijiet tieghu u sabiex huma jmissulu l-parti genitali tieghu. Illi ghalkemm intuzat ukoll forza fizika fuq il-minuri wara li kien hemm rifjut min-naha taghhom li jmissu l-parti privata taghhom din ma kinitx tikkonsisti f’forma ta’ theddid kif kontemplat taht is-Subartikolu in dizamina. Tenut kont tal-fatt li l-imputat uza certu qerq sabiex jinduci lit-tfal imissulu l-parti genitali

tieghu l-Qorti jidrilha li jezistu l-estremi tac-cirkostanzi aggravanti taht l-artikolu 203(1)(b).

Ic-cirkostanza aggravanti l-ohra hija dik kontemplata fl-Artikolu 203(1)(c) tal-Kodici Kriminali. Illi hareg mill-provi li l-imputat joqghod fl-istess blokk tal-flats fejn joqoghdu l-minuri izda ma jigi xejn minnhom. Hareg ukoll li f'ebda hin dawn il-minuri ma kienu ghandu minhabba li gew fdati sabiex jiehu hsiebhom, jedukahom, jghallimhom, jindukrahom jew izzommhom. Hadd mill-genituri li taw ix-xhieda taghhom ma qalu li dawn b'xi mod kienu ghandu ghal dan l-iskop u cioe' sabiex jiehu hsiebhom. Illi ghalhekk il-Qorti jidrilha li dan l-aggravju ma jirrizultax pruvat.

Illi l-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju tat-12 t'Awwissu 2008 deherlu li tista' tinstab wkoll htija taht l-Artikolu 204 tal-Kodici Kriminali. Illi fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni saret ukoll referenza ghall-Artikolu 203A izda dan l-Artikolu ma giex indikat fin-Nota tal-Avukat Generali u din il-Qorti hija marbuta bl-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali. Issir referenza ghal dak li qalet il-**Qorti tal-Appell Kriminali** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Michael Carter** deciza fis**-7 ta' Dicembru 2001**, u cioe' *li meta "r-rinviju ghall-gudizzju jsir skond is-subartikolu (3) tal-Artikolu 370 (u allura wiehed qed jitkellem fuq ghall-anqas reat wiehed, fost dawk imputati, li huwa ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali), in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tassumi rwol simili ghal dak ta' l-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond l-Artikolu 370(3) ma jistghux jizdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; l-Avukat Generali, naturalment, jista' jnaqqas reat jew reati u anke jzid skuzanti."*

Illi ghalhekk jibqa' li din il-Qorti tikkunsidra l-Artikolu 204 tal-Kodici Kriminali msemmi fin-Nota ta' Rinviju tal-Avukat Generali u tara jekk jezistux l-estremi ghal sejbien ta' htija abbazi ta' dan l-Artikolu. Dan l-Artikolu jitkellem dwar thajjir ghal prostituzzjoni ta' persuni taht l-eta sabiex jissodisfa z-ziena ta' haddiehor kif ukoll jeccita l-korruzzjoni tal-istess minuri ghall-istess skop biex tigi

sodisfatta z-ziena ta' haddiehor. Illi mill-provi li gew prodotti f'din il-kawza ma jidher imkien li kien hemm agir li jinduci lit-tfal li jigu mhajjra ghal skopijiet ta' prostituzzjoni jew biex jeccita l-korruzjoni tal-minuri biex tissodisfa z-ziena ta' haddiehor u jsegwi ghalhekk li l-imputat ma jistghax jinstab hati abbazi tal-imsemmi Artikolu 204.

L-Artikoli 86 u 87 tal-Kodici Kriminali jirrigwardaw ir-reat ta' arrest, sekwestru jew detenzjoni illegali u c-cirkostanzi aggravanti tal-istess reat. Fil-kaz odjern il-Qorti ghandha thares lejn ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u tara jekk fil-fatt jikkonkorrux l-elementi kollha rikjesti mill-ligi sabiex jissussisti r-reat ta' arrest jew detenzjoni illegali bl-aggravju kontemplat fl-Artikolu 87(1)(g). Mix-xhieda mghotija minn KB, DL u JS jidher li hemm xhieda konfliggenti f'dan ir-rigward. Illi jidher li KB qal li meta kienu qieghdin isiru dawn l-affarijiet ma setax johrog minn hemm ghax l-imputat kien jaqfel bic-cavetta. Huwa zied jghid (a fol 40) li l-imputat kien isakkar il-bieb waqt li kienu jaraw il-blue films halli ma tidholx it-tifla tieghu u tarahom. Gieli kien isakkar il-bieb ta' barra u anki gieli l-bieb tal-kamra fejn kienu jkunu qieghdin jaraw il-blue films. Mix-xhieda mghotija minn DL jirrizulta li huma ma setghux johorgu mill-flat tal-imputat ghaliex il-bieb kien ikun imsakkar (a fol 66) bic-cavetta izda dan ix-xhud jghid li c-cavetta kienet tithalla fis-serratura u dan jindika li t-tfal setghu johorgu liberament. JS qal li l-bieb kien ikun maghluq izda kien jista' jinfetah minn gewwa (a fol 89) pero' ma jiftakarx li kien ikun hemm cavetta mal-bieb. Illi jidher minn dawn il-fatti li l-bieb kien ikun maghluq il-Qorti trid tara jekk fil-fatt dawn it-tfal kienux qieghdin jinzammu hemm kontra l-volonta' taghhom. Jidher li ghalkemm il-bieb kien jinghalaq anki bic-cavetta u kienet tithalla hemm, hadd minn dawn ix-xhieda ma qalu li ma setghux johorgu ghax kienu mizmuma hemm. Fil-fatt ghandu jinghad li dan ir-reat fil-kaz ta' arrest illegali ta' persuna bhala mezz sabiex jitwettaq ir-reat ta' stupru, korruzzjoni ta' minorenni jew attentat vjolenti ghall-pudur htija ma tistax treggi ukoll fuq ir-reat ta' arrest illegali. Il-**Qorti ta' l-Appell Kriminali** rribadiet fil-kawza **Repubblika ta' Malta vs Dennis Pandolfino et Qorti Kriminali deciza 19/10/2006** li;

*“Dan il-fatt, se mai, hu ingredjent jew element tal-akkuza ta’ stupru vjolent… jew dik ta’… korruzzjoni ta’ minorenni u ma jammontax ghar-reat ta’ sekwestru per se. Kieku kien hekk, kull att sesswali anki bejn “consenting adults” taz-zewg sessi kien ikun jammonta ghal reat ta’ sekwestru ghax hu risaput li f’hafna kazi l-att sesswali f’certi aspetti tieghu jimplika certu immobilizzar ta’ persuna minn persuna ohra. Umbaghad il-fatt li waqt li jkun qed isir att sesswali, persuna taghalaq il-bieb fejn tkun u anki ssakkru minn gewwa biex ma jidhol hadd fuqha w fuq il-persuna jew persuni ohra li jkunu mieghu, per se zgur li ma jammontax ghar-reat ta’ sekwestru. Imma ancorche’ kellu jirrizulta li… f’xi hin li kellu relazzjonijiet intimi mal-minuri, ghalaq u sakkar minn gewwa il-bieb intern tal-parti tad-dar li fiha kien joqghod, biex ovvjament ma jidhol hadd fuqu, dan ma jammontax ghar-reat dedott. Di fatti, kif kienu jispiccaw l-atti in kwistjoni, t-tfal dejjem thallew johorgu w jkomplu bl-attivita’ normali taghhom.”*

Din il-Qorti tirritjeni li l-Prosekuzzjoni ma pruvatx sal-grad rikjest mill-ligi li l-imputat zamm lil KB, DL u JS kontra l-volonta’ taghhom sabiex jaghmel xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha u ghalhekk huwa mhux ser jinstab hati ta’ din l-imputazzjoni.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-gravita’ tar-reat li tieghu l-imputat qed jinstab hati kif ukoll il-konsegwenzi negattivi li l-agir tal-imputat halla fuq il-minuri koncernati u fic-cirkostanzi jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta’ Rinviju tieghu tal-10 ta’ Settembru 2008 u senjatament l-Artikoli 18 u 203 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lil-imputat hati tal-ewwel(1) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah hames(5) snin prigunerija. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-bqija tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah minnhom.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali l-Qorti tordna l-hrug ta’ Ordni ta’ Protezzjoni ghall-perijodu ta tlett

(3) snin millum fejn il-persuni protetti huma KB, JS u DL l-familji taghhom.

Il-Qorti tordna d-divjiet tal-pubblikazzjoni ta' isem il-minuri nvoluti u tal-familji taghhom fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar(1) minn meta jigi hekk mitlub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' erba' mija u sebghin ewro (€470) liema ammont jirraprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra tal-espert Cecilia Xuereb.

Il-Qorti inoltre tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tal-materjal pornografiku esebit f'dawn il-proceduri.

Il-Qorti wara li rat il-Kap. 518 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex l-imputat jitnizzel fuq ir-Registru ndikat fl-imsemmi Att u ghal dan il-ghan tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lill-imsemmi Registratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------